

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Il-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali](#)

Il-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali

Informazzjoni nazzjonali dwar ir-Regolament Nru 1259/2010

Informazzjoni ġenerali

L-Unjoni Ewropea stabbiliet l-għan li tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, billi tadotta miżuri relatati mal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili b'implikazzjonijiet transfruntiera. Fl-istess ħin, iż-żieda tal-mobbiltà taċ-ċittadini fis-suq intern teħtieġ aktar flessibbiltà u aktar ċertezza legali.

[Ir-Regolament tal-Kunsill \(UE\) Nru 1259/2010](#) tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali (imsejjaħ ir-Regolament "Ruma III") jipprovdi liċ-ċittadini b'riżultati xierqa f'termini ta' ċertezza legali, prevedibbiltà u flessibbiltà, jipproteġi s-sieħeb l-iktar dgħajef tul it-tilwim relatat mad-divorzju u jipprekludi li ssir għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni. Dan jgħin ukoll biex jiġu evitati proċedimenti kkumplikati, twal u ta' tbatija.

Aktar speċifikament, ir-Regolament (UE) Nru 1259/2010 jippermetti lill-koppji internazzjonali li jiftiehem minn qabel liema liġi għandha tapplika għad-divorzju jew għas-separazzjoni legali tagħhom sakemm il-liġi li jkunu qablu dwarha tkun dik tal-Istat Membru li miegħu għandhom rabta aktar mill-qrib. Fil-każ li l-koppja ma tkunx tista' taqbel, l-imħallfin jistgħu jużaw formula komuni biex jiddeċiedu l-liġi ta' liema pajjiż għandha tapplika.

Dan ir-Regolament m'għandux, min-naħa l-oħra, japplika għall-kwistjonijiet li ġejjin: il-kapaċità ġuridika ta' persuni fiżiċi; l-eżistenza, il-validità u r-rikonossiment ta' żwieġ; l-annullament ta' żwieġ; l-isem tal-konjugi; il-konsegwenzi taż-żwieġ fuq il-proprjetà; ir-responsabbiltà tal-ġenituri; obbligu ta' manteniment u trusts u suċċessjonijiet. Dan lanqas ma jaffettwa l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonossiment u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni).

Huwa strument li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri parteċipanti. Il-kooperazzjoni msaħħa tippermetti li grupp ta' mill-inqas disa' Stati Membri jimplimentaw miżuri f'wieħed mill-oqsma koperti mit-Trattati fil-qafas tal-kompetenzi mhux esklużivi tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 331 tat-TFUE, l-Istati Membri mhux parteċipanti jżommu d-dritt li jissieħbu mal-kooperazzjoni msaħħa li tkun għaddeġja.

Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jipprovdi informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament.

Kooperazzjoni msaħħa

Fit-12 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/405/UE li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u s-separazzjoni legali bejn il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja.

B'konsegwenza ta' dan, l-14 -il Stat Membru parteċipanti msemmija adottaw [ir-Regolament tal-Kunsill \(UE\) Nru 1259/2010](#), li sar applikabbli fil-21 ta' Ġunju 2012.

Fil-21 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni adottat [id-Deċiżjoni 2012/714/UE](#) li tikkonferma l-parteciċipazzjoni tal-Litwanja fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u s-separazzjoni legali. Dik id-Deċiżjoni tipprevedi li r-Regolament (UE) Nru 1259/2010 għandu japplika għal-Litwanja mit-22 ta' Mejju 2014.

Fil-27 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni adottat [id-Deċiżjoni 2014/39/UE](#) li tikkonferma l-parteciċipazzjoni tal-Greċja fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u s-separazzjoni legali. Dik id-Deċiżjoni tipprevedi li r-Regolament (UE) Nru 1259/2010 għandu japplika għall-Greċja mid-29 ta' Lulju 2015.

Fil-10 ta' Awwissu 2016, il-Kummissjoni adottat [id-Deċiżjoni \(UE\) Nru 2016/1366](#) li tikkonferma l-parteciċipazzjoni tal-Estonja fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u s-separazzjoni legali. Dik id-Deċiżjoni tipprevedi li r-Regolament (UE) Nru 1259/2010 għandu japplika għall-Estonja mill-11 ta' Frar 2018.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Ħolqa relatata

[Is-sit web ARKIVJAT tal-ATLAS Ġudizzjarju Ewropew \(magħluq fit-30 ta' Settembru 2017\)](#)

■ L-aħħar aġġornament: 29/12/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.